**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef VINCENT DEGAETANO LL.D.**

**Illum 9 ta' Settembru, 2002**

**Appell Nru 126/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ayman Khalaf**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ayman Khalaf talli nhar il-25 ta' Marzu 1999, ghal habta tat-3.00 ta' wara nofsinhar, u matul ix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda:

(1) ikkommetta serq ta' servizz telefoniku, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, u valur li jiskorri l-elf lira, sar ghad-detriment tal-kumpanija bl-isem "Maltacom p.l.c";
(2) kif ukoll f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perijodu ta' zmien u fl-istess cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn hames mitt lira ghad-dannu tal-kumpanija bl-isem "Maltacom p.l.c.";
(3) u aktar f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, bi hsara ta' haddiehor u cioe` tal-kumpanija bl-isem "Maltacom p.l.c." ghamel xi qliegh iehor b'qerq li jammonta ghal aktar minn hames mitt lira;
(4) talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat u cioe` minn "telecard" falza;
(5) talli f'dawn il-Gzejejr, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid u cioe` l-kumpanija bl-isem "Maltacom p.l.c.", id-disinji jew mudelli ta' manifattura, jew, xjentement ghamel uzu minn dawn id-disinji jew mudelli ffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

(6) talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ghal qliegh jew bi skop ta' kummerc, bena, biddel, ghamel, ipposjeda, biegh jew xtara xi apparat li bih ikun jista' jikkonnetti kontra l-ligi ma sistema tat-telekomunikazzjoni;
(7) u aktar huwa akkuzat, f'isem ir-regolatur tat-telekomunikazzjonijiet, talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkkostanzi, biegh jew offra ghal bejgh jew ipprovda jew installa jew uza xi installazjoni jew apparat li ma kienx konformi ma' dawk l-i*standards* teknici jew specifikazzjonijiet hekk mehtiega jew stabbiliti minn jew taht dan l-att ***(sic!)***, jew li kien jaf jew kellu raguni valida ghaliex jobsor, li kienu difettuzi jew inkompatibbli mas-servizzi li kienu nbieghu, gew provduti, installati jew uzati ghalihom;
(8) kif ukoll, f'isem ir-regolatur tat-telekomunikazzjonijiet, kien akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, uza xi infrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal ghan li ma kienx dak li ghalih kien gie pprovdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tal-infrastruttura tat-telekomunikazjonijiet jew taghmir, jew ghamel uzu minnu mhux sew;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Mejju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Ayman Khalaf (**a**) **mhux hati** skond l-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjoni u ghalhekk illiberatu minn dawn l-imputazzjonijiet; (**b**) iddikjarat is-seba' u t-tmien imputazzjoni bhala irtirati peress li l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu, ma kienx indika d-disposizzjonijiet tal-ligi relevanti; u (**c**) sabet lill-istess Ayman Khalaf **hati** skond it-tielet imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena ta' **sitt xhur prigunerija**, liema periodu ta' prigunerija m'ghandux jibda jsehh hlief jekk, matul il-periodu ta' sentejn, huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija (Art. 28A, Kap. 9); u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, dik il-qorti **ordnat lill-hati Ayman Khallaf li jhallas is-somma ta' Lm4,358.30c** (erbghat elef, tlett mija u tmienja w hamsin lira, u tletin centezmu) **in linea ta' danni lill-Maltacom p.l.c. fi zmien sitt xhur**;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Ayman Khalaf, minnu ppresentat fit-23 ta' Mejju, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Lulju, 2002; ikkunsidrat:

Il-fatti relevanti ghall-finijiet ta' dana l-appell huma, brevement, is-segwenti: il-Pulizija Ezekuttiva akkuzat lil Ayman Khalaf li kien qed jaghmel telefonati ghal barra minn Malta minn apparat pubbliku tat-telefon li jahdem bit-*telecard*, u li dan kien sab mezz biex ikun jista'

jaghmel dawn it-telefonati jew b'xejn (ossia minghajr ma jhallas jew jinkorri f'xi debiti) jew inkella bl-uzu ta' *telecards* foloz. L-ewwel qorti, a bazi tal-provi li kellha quddiemha, iddecidiet li ma kienx jirrizulta pruvat li kienu ntuzaw xi *telecards* foloz izda, fi kliem l-istess qorti:

*"…hu kien juza kombinazzjoni ta' numri biex iwahhal l-apparat li kien qed jimmarka t-telefonati li hu kien jaghmel. Hu kien jaf li b'dan il-metodu kien qed jiffranka u ma jhallasx dak dovut lil Maltacom. M'hemmx dubbju li dan l-agir tal-imputat kien qed jirreka dannu lil Maltacom."*

L-ewwel aggravju ta' l-appellant (anke kif in segwitu gie elaborat fit-trattazzjoni mill-abbili difensur tieghu) hu fis-sens li hu qatt ma ipprova jqarraq bil-Maltacom, izda dak li kien jigri kien li kien hemm xi difett fl-apparat, b'mod li hu kien jibqa' jcempel (ossia jibqa' jitkellem ma' min ikun fuq in-naha l-ohra tal-linja) ghal hin twil hafna minghajr ma jitlef jew jionqsulu l-*units* fuq it-*telecard*. Fi kliem l-istess appellant: *"Jekk l-apparat ikun difettuz u wiehed juzah ma jistax jinghad li qed isir qliegh b'qerq da parti tal-persuna li tuzufruwixxi min nuqqas ta' attenzjoni jew apparat preciz li jkollha l-parti danneggata."* Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx. L-ewwelnett ghandu jinghad li mill-istqarrija li l-appellant irrilaxxja lill-pulizija fis-26 ta' Marzu, 1999 (u li huwa iffirma, ara Dok. 1, fol. 15 sa 17) jirrizulta car li huwa kien deliberatament jaghmel xi haga biex iwaqqaf il-konsum tal-*units*:

*M. Tista' tispjegali kif b'telecard ta' zewg liri biss inti cempilt ghal nofs siegha lejn is-Sirja meta biex taghmel dik it-telefonata trid ta' l-anqas tnejn tal-hames liri u wahda tat-tlett liri?*
*R. Jien wahlitli bhas-soltu. Meta cempilt in-numru lejn is-Sirja bdejt naghfas in-numru tal-payphone 3 u z-zero u wahlet. Mhux l-ewwel darba li irnexxieli inwahhal il-payphone, u gieli tehel b'kumbinazzjoni fis-sens li nibda incempel u l-units ma jikkunsmawx ruhhom.*
*….*
*M. X'kienet il-"combination" ta' numri li ghafast?*
*R. Malli qbadt fejn cempilt bdejt naghfas it-3 u l-units ma baqghux jikkunsmaw ruhhom. Nghid li gieli irnexxieli naghmel dan billi naghfas iz-zero.*

Hu evidenti minn dawn il-brani li anke jekk, forsi, <u>ghall-ewwel darba</u>, l-appellant ghafas xi numru kazwalment u waqqaf il-konsum tal-*units*, wara li induna x'kien jista' jaghmel <u>u baqa' jaghmel hekk</u>, hu kien qieghed deliberatament jaghmel qligh a dannu tal-Maltacom, ghax kien qed jircevi servizz minghajr ma jhallas ghalih meta jaf li dak is-servizz ma kienx b'xejn u suppost li kien qed jinghata bi hlas. Huwa rrelevanti l-fatt li seta' kien hemm difett fl-apparat tat-telefon; jekk kien hemm tali difett ifisser li l-appellant inqeda b'dak id-difett biex jaghmel hsara lill-kumpanija in kwistjoni. Dak id-difett b'ebda mod ma jgib fix-xejn jew jinnewtralizza l-element materjali tar-reat kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-ammont tal-hsara, li giet determinata mill-ewwel qorti fis-somma ta' Lm4358.30, u li l-ewwel qorti ordnat lill-appellant li jhallas lill-kumpanija Maltacom. Dana l-ordni sar bis-sahha ta' l-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali. L-appellant, bazikament, jikkontendi li ma kienx hemm prova li t-telefonati kollha (u li jammontaw ghal Lm4,358.30) saru minnu. F'dan ir-rigward din il-Qorti sejra taghti ragun lill-appellant. Il-figura ta' Lm4,358.30 l-ewwel qorti jidher li waslet ghaliha a bazi tad-dokument ezibit mix-xhud Ingrid Azzopardi (Dok. 6, fol. 33 u 34), liema dokument jaghti *breakdown* xahar b'xahar (minn Awissu 1997 sa Marzu 1999) tal-valur tat-telefonati li saru lejn numru partikolari fis-Sirja. Dan in-numru hu, skond ma stqarr l-istess appellant lill-pulizija, in-numru li huwa kien juza biex icempel lill-familjari tieghu. Huwa veru li l-ammont ta' kwazi kull xahar kien jaqbez sew il-mitejn lira – haga li tindika jew hafna telefonati jew telefonati fit-tul hafna aktar minn dawk fuq numri ohra *overseas* li jidhru fl-istess dokument. Dana ma jfissirx, pero`, li hemm xi prova li kull telefonata li saret ghamilha l-appellant, jew li ghal kull telefonata ma kienx hemm il-korrispettiv tal-hlas (fil-forma ta' l-uzu ta' xi *units* minn *telecards* genwini). Huwa veru li, kif xehdet l-istess Azzopardi (fol. 22 *et seq.*), wara li l-appellant inqabad mill-pulizija jaghmel telefonata partikolari fil-25 ta' Marzu, 1999, id-durata tat-telefonati ghal dak in-numru partikolari naqset konsiderevolment, u dawn bdew ikunu telefonati ta' tul normali – minn tnejn sa erba' minuti. Dan hu indizju qawwi, peru mhux prova. Din il-Qorti hi tal-fehma li ordni ghal kumpens taht l-imsemmi Artikolu 28H (kif ukoll ordni ghal kumpens taht l-Artikolu 11(1) ta' l-Att dwar il-*Probation* tal-Hatjin, Kap. 152) ghandu jsir biss meta l-*quantum* ikun car, jew meta jkun hemm qbil bejn il-partijiet dwar l-istess *quantum*:

*In* R. v. Vivian, *68 Cr.App.R. 53, the Court of Appeal stated that "no order for compensation should be made unless the sum claimed by way of compensation is either agreed or proved"…Although it is open to the court to hear evidence in order to determine questions as to the fact or the amount of loss, the Court of Appeal has discouraged criminal courts from embarking on complicated investigations. See* R. v. Kneeshaw, *58 Cr.App.R. 439;* Hyde v. Emery, *6 Cr.App.R.(S.) 206;* R. v. Briscoe, *15 Cr.App.R.(S.) 699; and* R. v. White *[1996] 2 Cr. App.R.(S.) 58.*[1]

U Lord Justice Eveleigh, fil-kaz ***R. v. Donovan*** (1981) 3 Cr.App.R.(S.) 192 esprima ruhhu hekk:

*"A compensation order is designed for the simple, straightforward case where the amount of the compensation can be readily and easily ascertained."*[2]

Fil-kaz presenti din il-Qorti hi tal-fehma li ma kienx hemm provi sufficjenti li jiggustifikaw ordni fl-ammont li gie ordnat mill-ewwel qorti, jew addirittura f'xi ammont iehor partikolari. L-ammont tal-hsara, u l-

[1] ***Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001*** Sweet & Maxwell (London), 2001, paras. 5-418, 5-419.
[2] ***Blackstone's Criminal Practice 2001*** Blackstone Press Limited (London), 2001, p. 1899, para. E18.6.

konsegwenti kumpens ghalih, kellu jithalla biex jigi stabbilit fi proceduri civili. Ghalhekk din il-Qorti ser tirrevoka l-ordni ghall-kumpens.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ordnat lill-appellant "ihallas is-somma ta' Lm4,358.30 danni lil Maltacom p.l.c. fi zmien sitt xhur mill-lum", izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu operattiv ta' sentejn tas-sentenza sospiza jibda jiddekorri mill-lum.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghall-annotazzjoni mehtiega skond l-Artikolu 28A(8) tal-Kodici Kriminali.

Assistent Registratur